**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IT-TLETTAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 6**

**It-Tnejn, 2 ta' Ottubru 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-1.06 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresieda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici (Membru sostitut).

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 5 tat-3 ta' Lulju 2023 ġew ikkonfermati.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor Chris Fearne, informa lill-Kumitat illi fis-seduta ta' dakinhar il-Prim Ministru kien ser iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra ir-rapport tal-kumitat tal-esperti dwar ir-riformi fil-qasam tal-media.

L-Onor. Chris Fearne informa wkoll illi l-ħsieb tal-Gvern kien illi fis-seduta ta' dakinhar issir stqarrija ministerjali b'mod konġunt mill-Prim Ministru u Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol dwar il-futur tal-Air Malta. Il-Gvern kien qiegħed jipproponi illi l-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol jieħdu massimu ta' 15-il minuta kull wieħed, bil-Kap tal-Oppożizzjoni u l-kelliem min-naħa tal-Oppożizzjoni dwar l-Air Malta jieħdu sa 10 minuti kull wieħed, u bil-Membri oħra jkollhom limitu ta' tliet minuti għall-mistoqsijiet tagħhom.

Dwar id-diskussjoni dwar il-futur tal-Air Malta, il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar, talab illi l-aġenda tal-Kamra ta' dakinhar tiġi aġġornata u minflok isir dibattitu dwar l-Air Malta.

Wara diskussjoni l-Ispeaker innota illi l-Kamra kienet ser timxi mal-proċedura stabbilita meta jkun hemm stqarrija ministerjali, bid-differenza li kellha ssir b'mod konġunt, u allura l-ħin għall-interventi jiżdied kif indikat aktar kmieni mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa.

L-Onor. Robert Cutajar talab li jiġi reġistrat li l-Gvern kien qed jirrifjuta t-talba tal-Oppożizzjoni.

L-Onor. Chris Fearne informa lill-Kumitat illi kien hemm il-ħsieb li fi stadju ulterjuri l-Prim Ministru jagħmel stqarrija fil-Kamra dwar il-laqgħa MED 9 li kienet inżammet ġewwa Malta.

Dwar il-proċess ta' reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qal li dan baqa' għaddej matul ix-xhur tas-sajf u meta d-diskussjoni tkun immaturat isir ukoll abbokkament mal-Oppożizzjoni. Il-Whip tal-Oppożizzjoni rrimarka illi ma kienx sar kuntatt mal-Oppożizzjoni dwar dan għajr talba biex terġa' tingħadda l-ittra li kienet intbagħtet mill-Oppożizzjoni dwar din il-materja.

Dwar ir-rapport dwar ir-riformi fil-qasam tal-media l-Onor. Robert Cutajar innota illi l-Oppożizzjoni kienet għaddiet ir-reazzjoni tagħha lis-Sedja b'reazzjoni għall-korrispondenza li ġiet mgħoddija liż-żewġ Whips dwar dan is-suġġett, u qara din il-komunika. L-Ispeaker innota illi huwa kien ser jibgħat ir-risposti tiegħu għaż-żewġ ittri aktar tard dakinhar u li dawn kienu ser jitpoġġew ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor, Andy Ellul informa lill-Kumitat illi d-diskors tal-Budget 2024 kien ser jinqara fit-30 ta' Ottubru, bir-risposta tal-Kap tal-Oppożizzjoni ssir fis-6 ta' Novembru u r-replika tal-Prim Ministru ssir fis-7 ta' Novembru, bis-seduti jibdew fis-6.00 p.m. u jkunu bil-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari. Huwa żied li l-ġranet tat-30 ta' Ottubru u tas-7 ta' Novembru jkunu riservati għal xi voti li jista' jkun hemm bżonn. Il-Kumitat qabel li l-arranġamenti li saru fis-snin ta' qabel dwar biljetti għall-istrangers gallery u xandir tad-dibattiti japplikaw għal din is-sena wkoll.

Dwar abbozzi li għandhom jiġu diskussi fi stadju ta' Tieni Qari fil-Kamra, il-Whip tal-Gvern indika illi l-ħsieb kien illi jiġu diskussi dawn l-erba' abbozzi f'din l-ordni:

- Abbozz Nru 63 – Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru
- Abbozz Nru 40 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3)
- Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja
- Abbozz Nru 20 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

**XOGĦOL IEĦOR**

**Ombudsplan 2024**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi fis-seduta ta' dakinhar huwa kien ser iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ombudsplan għas-Sena 2024, liema dokument ikun irid jiġi diskuss mill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, qabel ma jiġi approvat mill-Kamra.

**Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

L-Ispeaker fakkar illi l-Kumitat kien għadu jrid jiddiskuti l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022 u 2023.

**Kondoljanzi**

Il-Kumitat ħa nota li dakinhar kienet tħabbret il-mewt tal-ex Membru Parlamentari l-Imħallef Emeritu Philip Sciberras, u qabel li għandha tinstab data meta għandhom isiru l-kondoljanzi fil-Kamra.

**Ħatra ta' Skrivan tal-Kamra**

L-Iskrivan tal-Kamra, is-Sur Raymond Scicluna, irtira mill-kamra tal-kumitat sabiex tiġi diskussa l-ħatra tal-pożizzjoni ta' Skrivan tal-Kamra.

L-Ispeaker ippropona illi b'segwitu għall-qbil milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra fil-laqgħa 2 tal-21 ta' Ottubru 2022, it-terminu tal-Iskrivan tal-Kamra jerġa' jiġi mġedded.

Iż-żewġ naħat qablu ma' din il-proposta.

Fis-1.41 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li tiġi komunikata aktar tard.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**